# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udejnza tat-28 ta' Novembru 2023**

**Talba nru. 19/2023**

**CARMELO VELLA**
**( KI 319064M)**

*VERSUS*

**JOSEPH ATTARD**
**(KI 430968M)**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talba ipprezentat fis-17 ta' Jannar 2023 (Fol 1 et seq), l-attur ippremetta illi fit-3 ta' Frar 2002 huwa ghadda lill-intimat is-somma ta' elf lira Maltin ekwivalenti ghal elfejn tliet miha u disgha u ghoxrin Ewro u sebgha u tletin centezmu (Eur 2,329.37) bl-intiza illi l-attur jkollu access ghal-lift tal-blokka bl-indirizz 9, St.Paul's Court Triq il-Qroll, San Pawl il-Bahar u dan wara li l-intimat kien ipprezenta ruhu bhala s-sid tal-partijiet komuni tal-blokka. Illi fis-sena 2020 l-attur kien skopra li l-intimat ma kienx verament is-sid tal-partijiet komuni tal-blokka surriferita u konsegwenza ta' hekk, l-attur kellu jhallas lis-sidien tal-blokka Mario u Carmela konjugi Debono, lis-sinjuri Joseph u Lilian konjugi Mifsud, lis-sur Stephen Pulis u lis-Sinjura Rosaria sive Lucy Galea, is-somma ta' tlett elef Ewro (Eur 3000). Illi l-attur jikkontendi illi l-intimat Joseph Attard akkwista minghandu s-somma ta' Eur 2,329.37 permezz ta' frodi. Illi ghaldaqstant l-attur qed jitlob lil dan it-Tribunal jiddikjara illi l-konvenut huwa debitur ta' l-attur fl-ammont ta' Eur 2,329.37, bl-ighax legali u bl-ispejjez.

Ra r-risposta ta' Joseph Attard ipprezentata fis-6 ta' Marzu 2023 (Fol.12) li eccepixxa illi preliminarjament it-talba hija preskritta ai termini ta' l-Artikoli 1027, 2153 u 2154 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. Illi l-ebda ammont mhu dovut u li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Ra illi fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2023 it-Tribunal ordna li l-provi jigu invertiti fid-dawl ta' l-eccezzjonijiet preliminari tal-konvenut.

Sema x-xhieda u ra l-affidavit ta' l-attur.

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri tat-22 ta' Mejju 2023.

Ra l-atti processwali.

Ra illi din il-kawza thalliet dwar sentenza fuq l-eccezzjoni preliminari.

<u>Ikkunsidra</u>

Illi fil-konsiderazzjonijiet tieghu, dan it-Tribunal sema lill-attur jghid illi fit-3 ta' Frar 2002 kien ghadda l-ammont ta' elf lira Maltin (Eur 2329.37) lill-konvenut sabiex ikollu access ghal-lift fi blokka f'San Pawl il-Bahar. Jghid illi kellu dan l-access ghal dan il-lift izda madwar sena u nofs ilu kien inbidel il-code tal-lift u ma kienx inghata lilu.

Illi meta gie mistoqsi min huma dawn in-nies li ma tawh il-code sabiex juza l-lift, l-attur wiegeb illi "*li qeghdin bi shab ma' dawn, ma' Joe Attard*." Dawn in-nies li qeghdin bi shab infurmaw lill-attur illi l-flus li kien hallas fis-sena 2002 ma kienux waslu ghandom. L-attur ighid ukoll illi mis-sena 2002, u cioe minn meta hallas il-flus lill-konvenut qatt ma kellu problem. Jghid illi issa meta hallas it-tlett elef Ewro huwa mar ghand nutar u ghandu kollox bil-miktub.

L-attur jispjega illi, "*Issa meta jiena ghidtlu li tajt il-flus lil Joe Attard qalli giebli l-karti, qalli li ghandek ragun, qalli pero xorta trid thallas lilna, qalli ha niehdok ghand nutar ir-Rabat, qalli trid ittina elfejn u hames mija u hames mija quddiem halli jekk il-lift ikollu hsara dan*."

Fl-affidavit tieghu l-attur jerga jikkonferma illi kien ghadda elf lira Maltin lill-konvenut fl-2002 u jerga jishaq fuq dak li ippremetta fit-talba tieghu.

Illi fir-rigard ta' l-eccezzjoni preliminari, xehed biss l-attur, mistoqsi in ezami min-naha tal-konvenut u sussegwentament l-attur rega ghamel affidavit sabiex jikkonfemra t-talbiet tieghu.

Illi fid-dawl tax-xhieda moghtija mill-attur, ma hemm l-ebda kontestazzjoni illi l-flus illi qed jitlob l-attur minghand il-konvenut, kienu ghaddew fit-3 ta' Frar 2002. Dan l-ammont ta' elf lira Maltin li illum huwa ekwivalenti ghal Eur 2329.37, l-attur kien ghaddihom lill-konvenut sabiex ikollu access ghal-lift. Wara trapass ta' tmintax-il sena, l-attur ighid illi kien skopra illi ried jerga jhallas tlett elef ewro lil persuni ohra sabiex ikompli jkollu access ghall-imsemmi lift.

L-azzjoni ipprezentata mill-attur hi dik maghrufa bhala 'indebiti soluti' u cioe' konsistenti f'talba ghar-rifuzjoni ta' pagament li jkun sar bi zball. L-Artikolu 1021 jipprovdi illi,

*"Kull minn jircievi, sew xjentement jew bi zball, haga li hu ma kellux jiehu la taht obbligazzjoni civili lanqas naturali, ghandu jroddha lil dak li min ghandu jkun irciviha bla jedd";*

Il-konvenut qed jeccepixxi t-trapass tas-sentejn a tenur tal-Artikolu 1027 tal-Kodici Civili u mhux jikkontesta li ircieva l-ammont mertu tal-kawza. Illi l-artikolu 1027 tal-Kap.16 jistabilixxi illi :-

*"L-azzjoni biex jintalab lura dak li jkun ingħata mingħajr ma kien imiss, meta ma tkunx waqgħet bil-preskrizzjoni bis-saħħa tad-dispożizzjonijiet miġjuba taħt it-titolu dwar il-preskrizzjoni,taqa' bil-preskrizzjoni bl-egħluq ta' sentejn minn dak in-nhar illidak li lilu tmiss l-azzjoni jikxef l-iżball."*

Illi dwar din l-eccezzjoni l-Qrati taghna dejjem irritenew li s-sentejn jibdew jiddekorru minn mill-jum li l-attur jinduna bl-izball u skopra l-izball u mhux meta sar l-izball. ("Camel 7 Brand Company Limited vs Worldwide Import and Export Company Limited" Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) tat-22 ta' Mejju, 2009.) Mill-provi jirrizulta li l-attur intebah b'li zball fis-sena 2020 meta ma inghatax il-code ghal-lift u gie mitlub ihallas tlett elef Ewro sabiex ikun jista juza l-lift.

Illi l-attur jishaq illi huwa kien induna li hallas l-ammont ta' Eur 2329.37 lill-konvenut matul is-sena 2020, senjatament fix-xhieda tieghu viva voce jghid li f'Gunju 2020. L-attur jikkonferma illi ghajr ghal din il-procedura, huwa ma kien ha l-ebda azzjoni, la b'ittra interpellatorja u lanqas rapporti mal-Pulizija.

Illi tajjeb li jingħad li l-preskrizzjoni hija mezz sabiex wieħed ikun jista' jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi (ara artikolu 2107(2) tal-Kodiċi Ċivili). Il-filosofija legali li tiġġustifika l-preskrizzjoni hi li wara ċertu żmien l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet iridu jiġu maqtugħa. Huwa għalhekk li tidħol fix-xena l-preskrizzjoni għaliex il-liġi ma tridx illi tilwimiet bejn partijiet jibqgħu mdendlin għal dejjem mingħajr ma qatt jiġu solvuti. *(ara Albert Camilleri v. Dr. Richard Galea Debono deċiża millPrim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Lulju, 1997*);

Issa ngħad kemm-il darba anke mill-Qorti ta' l-Appell, inkluz fil-kawza, " Carmlu Limited v. Joseph Cachia", deċiża fid-29 ta' Marzu, 2019, li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti konvenuta, billi tmeri li għadda ż-żmien, jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew miksura, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni (*ara wkoll Guido J. Vella A. & C.E. v. Dr. Emanuel Cefai LL.D. deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-5 ta' Ottubru, 2001*).

Illi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn meta dik il-kawża setgħet titressaq (*ara Stencil Pave (Malta) Ltd v. Dr. Maria Deguara noe deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fit-30 ta' Ottubru, 2003 u Luciano Martinelli nomine v. Saviour Pisani deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-22 ta' Ġunju, 2005*);

Fil-kawza,"*CFS Alessio Cassar u Isabel Portelli vs Josephg Agius u Elizabeth Agius" deciza fid-29 t'Ottubru 2021, Prim Awla tal-Qorti Civili*),il-Qorti ghamlet referenza ghas-sentenza moghtija mill- "Perit Arkitett Ian Zammit v. V. Attard (Works) Limited", deċiża fis17 ta' Marzu, 2021, illi l-preskrizzjoni hija istitut odjuż u meta ġudikant jiġi mitlub jiddeċiedi fuq eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, irid jasal għall-fehma tiegħu fuq fatti ċari u mhux konġetturi. Għaldaqstant, l-eċċezzjoni għandha tiġi miċħuda jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess, dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabbilita.

Illi fil-kaz li ghandu quddiemu dan it-Tribunal, l-attur a Fol. 17 ighid illi f'Gunju 2020 kien sar jaf illi l-konvenut ma kellu x jaqsam xejn mal-lift. Illi dan it-Tribunal iqis din id-data ta' Gunju 2020 li jsemmi l-attur stess bhala kredibbli tenut kont tal-fatt illi fil-15 ta' Settembru 2020 (Fol.5) l-attur kien iffirma att li fih kien hallas it-tlett elef Ewro. Ghaldaqstant meta l-attur iffirma dan il-ftehim u hallas Eur 3000 kien ga jaf li l-flus li hallas fis-sena 2002 lill-konvenut setghu kienu ghal xejn.

Illi dawn id-dati u cioe Gunju 2020 u Settembru 2020 huma dati li l-attur stess ikkonferma fix-xhieda tieghu u permezz ta' dokumenti li pprezenta hu stess.

Illi ghaldaqstant dan it-Tribunal m'ghandu l-ebda diffikolta li jiddetermina illi l-attur kien ilu jaf minn Gunju 2020 li l-ammont ta' Eur 2329.37 li kien ghadda lill-konvenut setghu kienu inghataw ghal xejn.  Minkejja dan, l-attur ma ha l-ebda azzjoni ghajr li jiftah din il-kawza f'Jannar 2023 u cioe wara t-trapass ta' sentejn minn meta sar jaf dwar l-allegat hlas bi zball.

<u>Decide</u>

**Ghaldaqstant**, it-Tribunal, jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' l-eccezzjoni preliminari tal-konvenut u jiddikjara li l-azzjoni attrici hija preskritta ai termini ta' l-Artikolu 1027 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri huma kollha a kariku ta' l-attur.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur